A.L. 254 ta' l-2001

ATT TA' L-2000 DWAR IR-RIFUĠJATI
(ATT NRU. XX TA' L-2000)

Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Proċeduri ta' l-Asil (Mezzi kif tiġi Faċilitata l-Identifikazzjoni ta' Applikant)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 19 (ġ) ta' l-Att ta' l-2000 dwar ir-Rifuġjati, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti imsemmi bħala "l-Att", il-Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Proċeduri ta' l-Asil (Mezzi kif tiġi Faċilitata l-Identifikazzjoni ta' Applikant).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-data li l-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, t-tifsiriet mogħtijin fl-artikolu 2 ta' l-Att għandhom ikunu wkoll applikabbli f'dawn ir-regolamenti.

Mezzi kif tiġi faċilitata l-identifikazzjoni ta' l-applikanti għal status ta' rifuġjat.

3. (1) Persuna li tkun qegħda tfittex asil f'Malta, u, jew kull membru dipendenti tal-familja tagħha, għandha tenħtieġ mill-Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni, jew mir-rappreżentant tiegħu, meta hi tagħmel applikazzjoni skond l-artikolu 8 ta' l-Att, li tiġi fotografata jew li jittieħdulha l-impressjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-pali ta' l-idejn tagħha bil-għan li tiġi faċilitata l-identifikazzjoni. Dawk il-fotografiji jew l-impressjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-pali ta' l-idejn tagħha, għandhom jiddaħħlu fil-formola ta' l-applikazzjoni tal-persuna għall-istatus ta' rifuġjat, jew f'kull rekord personali uffiċjali ieħor li jkollu x'jaqsam ma' dik l-applikazzjoni.

(2) Il-fotografiji jew l-impressjonijiet tal-marki tas-swaba jew tal-pali ta' l-idejn tagħha provduti mill-persuna li tkun qegħda tfittex asil, u, jew xi membru dipendenti tal-familja tagħha, għall-finijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, m'għandhomx jingħataw lil xi persuna oħra ħlief bil-kunsens tal-persuna, jew persuni, li jkunu jirreferu għalihom jew b'ordni ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' xi qorti,

jew bl-awtorizzazzjoni tal-Ministru, jew bi twettiq ta' xi obbligazzjoni internazzjonali li jkun daħal fiha l-Gvern ta' Malta.

(3) Persuna li tkun qegħda tfittex asil, jew xi membru dipendenti tal-familja tagħha, li tirrofta li tipprovdi xi mezz ta' identifikazzjoni skond ma hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, jista' jkollha l-applikazzjoni tagħha għal status ta' rifuġjat miċħuda milli tinghata konsiderazzjoni ulterjuri, kemm-il darba l-Ministru ma jkunx jidhirlu, wara li jikkonsulta lill-Kummissarju tar-Rifuġjati, jew lil xi persuna kompetenti oħra hekk kif huwa jista' jqis li jkun meħtieġ, li jkun hemm raġunijiet konvinċenti li jkunu jiġġustifikaw ir-rifjut ta' dik il-persuna.

(4) Meta l-Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni, jew ir-rappreżentant tiegħu, jkun qiegħed jitlob lil xi persuna li tkun qegħda tfittex asil, u, jew lil xi membru dipendenti ieħor tal-familja tagħha, biex jipprovdu xi mezz ta' identifikazzjoni skond ma hawn f'dawn ir-regolamenti, dawn għandhom jiġu mgħarrfa -

(a) li l-persuna, u, jew xi membru dipendenti tal-familja tagħha, jkunu qegħdin jintalbu jipprovdu mezz ta' identifikazzjoni f'konnessjoni ma' l-applikazzjoni ta' dik il-persuna u, jew, membru dipendenti tal-familja tagħha; u

(b) li r-rifjut li jiġi provdut dak il-mezz ta' identifikazzjoni min-naħa tal-persuna, jew mill-membru dipendenti tal-familja tagħha, jista' jwassal għas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-proċeduri ta' asil msejsa fuq l-applikazzjoni kif hemm provdut fl-Att.